MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 855/2003

**Joseph Borg**

**Vs**

**Jupiter Company Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-attur talab li s-socjeta' konvenuta "thallas ossija tirrifondi lill-attur is-somma ta' Lm500.00c (hames mitt lira Maltin) bil-modalita' pattwita fl-iskrittura tal-31 ta' Lulju 2000 u fin-nuqqas li taghmel dan fiz-zmien stabbilit l-istess socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata li thallas lill-attur l-istess somma ta' Lm500.00c (hames mitt lira Maltin) fi flus kontanti". L-attur spjega li kien hemm ftehim Dok. A fejn is-socjeta' konvenuta accettat li trid taghti kreditu ta' Lm500.00c (hames mitt lira Maltin) lill-attur izda s-socjeta' konvenuta issa qieghda tirrifjuta li taghmel dan.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn qalet li l-Credit Note:

“Kienet valida ghall-perjodu ta’ (12) tnax-il xahar. Bi qbil bejn il-partijiet, il-Credit Note giet estiza ghal sena ohra ossija sal-31 ta’ Lulju 2002.”

Ghalhekk, is-socjeta’ konvenuta ssostni li billi l-attur naqas li jsarraf din il-Credit Note skond it-termini stipulat u ghalhekk l-attur tilef id-dritt ghal tali Credit Note.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Illi skond il-kuntratt bejn il-partijiet gie ddikjarat:

“Jupiter Co. Ltd agrees to give Mr J Borg (L-attur) a Credit Note number 399 date 31.07.2000 for the value of Lm500.00c to be part exchanged for marine craft or outboard with a minimum value of Lm1000 bought from Jupiter Co. Ltd the difference between the purchase price and credit note to be paid cash on delivery.”

Illi l-Credit Note numru 399 esebit fil-process ighid hekk:

“This voucher can be exchanged for any good/s found on our premises at Jupiter Co. Ltd at the above address for the amount stated hereunder (for conditions see agreement dated 31/07/00). This voucher cannot be exchanged for outboard parts. Valid for (12) twelve months to be renewed on 31/07/00 from undermentioned date.”

Originalment il-Credit Note kien ghal (3) tlett xhur mill-31 ta’ Lulju, 2000.

L-attur ighid li l-ftehim kien li l-Credit Note jigi “renewed” kull sena filwaqt li Veronica Gauci fil-kontro-ezami qalet “ma nafx ezattament x’ridt infisser meta ktibt dawn il-kliem” meta giet mistoqsiha x’ifissru dawk il-kliem mizjudin fuq il-Credit Note.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal irid jiddeciedi jekk fil-fatt il-Credit Note li ma giex uzat fil-perjodu bejn il-31 ta' Lulju, 2000 sal-31 ta' Lulju, 2001 ghadux validu.

Illi l-partijiet ghamlu ftehim bil-miktub datat il-31 ta' Lulju, 2000 fejn ftiehmu dwar kif kien ser jigi regolat is-sitwazzjoni bejniethom. F'dan il-ftehim m'hemm ebda kliem dwar it-terminu tal-Credit Note.

Is-socjeta' konvenuta qieghda tibbaza r-Risposta taghha fuq il-kliem fil-Credit Note nnifsu u mhux fuq xi kliem fil-ftehim bejn il-partijiet. Il-Credit Note mhux iffirmat mill-attur.

Baudry Lacantinerie – Delle Obbligazioni Vol. 1. pagina 4 ighid:

"Una convenzione e' il risultato dell'accordo di due o piu persone che s'intendono per costituire tra di esse una obbligazione o per estinguere o modificare un'obbligazione preesistente."

U a pagina 393 ikompli:

"Le convenzione legalmente formate tengono luogo di legge per colore che le hanno fatte. Cio significa che le convenzioni hanno, in massima, relativamente alle parti, la forza stessa della legge. In altri termini, le parti sono vincolate col lore consenso cosi' rigorosamente come sarebbereo per la volonta' stessa del legislatore…..i tribunali dunque non possano, invocando una ragione di equita' rifiutarsi di far eseguire una convenzione….Dal momento che i tribunali sono incaricati di assicurare l'esecuzione delle convenzioni, essi hanno la facolta' di determinare la loro natura e la loro portata, in breve, di interpretarle."

A pagina 395:

"Lo stesso principo conduce pure alla conseguenza che spetta ai tribunali di pronunciarsi sul punto, se la

convenzioni siano state gia' eseguite, e, in caso affermativo, se la loro esecuzione sia stata integrale."

A pagina 399:

"Esse (le convenzioni) non possono essere revocate se non per loro mutuo consenso (cioe' col consenso mutuo delle parti) o per le cause che la legge autorizza. Se, infatti, ciascuno dei contraenti potesse, senza l'adesione dell'altro, annullare la convenzione, non sarebbe vero che questa ha forza legale riguardo alle parti."

U a pagina 402:

"Esse (le convenzioni) debono essere eseguite in buona fede……cioe' conforme all'intenzione delle parti ed allo scopo ch'esse si sono proposte contrattando….le convenzioni obbligano non soltanto a cio' che vi e' espresso, ma anche a tutte le conseguenze che l'equita', l'uso o la legge danno all'obbligazione secondo la sua natura."

Wara li ra l-atti kollha u sema' x-xhieda , t-Tribunal jikkonkludi li r-Risposta tas-socjeta' konvenuta ghandha tigi michuda ghaliex:

1. Kieku l-intenzjoni tal-partijiet kienet li l-Credit Note ma jkunx iktar validu wara certu zmien kienu jinkludu dan il-ftehim, fil-ftehim iffirmat bejniethom.

2. Illi l-Credit Note mhux iffirmat mill-attur.

3. Illi fil-Credit Note hemm il-kliem "to be renewed on". Illi hemm il-kelma "for" kancellata. Li kieku s-socjeta' konvenuta riedet li l-Credit Note ma jkunx validu wara certu zmien ma kienetx tikkancella l-kelma "for".

Ghaldaqstant, jichad ir-Risposta tas-socjeta' konvenuta u jilqa' t-talba attrici fis-sens li s-socjeta' konvenuta ghandha tirrifondi s-somma ta' Lm500.00c
(hames mitt lira Maltin) bil-modalita' pattwita fl-iskrittura tal-31 ta' Lulju, 2000.

It-talba ta’ l-imghax hi michuda.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------